MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2011

Appell Civili Numru. 33/2011/1

**Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali**

**v.**

**Dorian Turner**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tad-Direttur rikorrentipprezentat fis-16 ta' Marzu 2010 li jaqra hekk:

"Illi dan ir-rikors qieghed isir ai termini tal-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri (Kap. 410), li bih gew

irratifikati zewg Konvenzjonijiet dwar l-aspetti civili ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' decizjonijiet dwar kustodja.

"Illi r-rikors jirrigwarda l-minuri Damien Bjorn Ackenhausen-Turner, li twieled fin-Norvegja fil-15 ta' Settembru 2009, iben Dorian Turner u Yvonne Margrethe Ackenhausen-Turner. Il-minuri Damien Bjorn Ackenhausen-Turner qieghed jigi ritenut illecitament hawn Malta mis-Sur A B u dan meta l-*habitual residence* ta' l-istess minuri hija fin-Norvegja.

"Illi l-Awtorita' Centrali ta' Malta giet mitluba mill-Awtorita' Centrali Norvegiza sabiex, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Civili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, jinkiseb ir-ritorn immedjat tal-minuri lejn in-Norvegja.

"Illi l-Awtorita' Centrali ta' Malta giet awtorizzata minn omm il-minuri, Damien Bjorn Ackenhausen-Turner, sabiex tagixxi ghan-nom taghha u dan kif jidher mill-awtorizzazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. A'.

"Illi skond il-Ligijiet tan-Norvegja, u cioe' l-Artikolu 40 tan-Norwegian Children Act, il-genituri li jkollhom responabilita' parentali kongunta jridu jaghtu l-kunsens taghhom sabiex minuri johrog mill-pajjiz, estratt tan-Norwegian Children Act hawn anness u mmarkata bhala 'Dok B'.

"Illi fil-kaz odjern, il-genituri ta' Damien Bjorn Ackenhausen-Turner ghandhom responsabilita' parentali kongunta.

"Illi skond il-ligi civili Norvegiza, ir-responsabbilita' parentali kongunta tfisser li kull genitur jista' jezercita r-responsabbilita' tieghu minghajr ma jikser id-drittijiet tal-genitur l-iehor.

"Illi fil-kaz odjern, il-minuri Damien Bjorn Ackenhausen-Turner ingieb f'Malta u qieghed jinzamm f'Malta minghajr il-kunsens ta' l-omm u konsegwentement biddel il-*habitual*

*residence* tieghu minghajr il-kunsens ta' l-omm u b'hekk kisser id-drittijiet tar-responsabbilita' parentali u agixxa b'mod illecitu ai termini ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni imsemmija aktar 'il fuq.

"Illi l-omm ghandha dritt illi tkun partecipi fid-decizjonijiet importanti fil-bdil tal-*habitual residence* tal-minuri aktar u aktar tenut kont il-fatt li hija kienet qed tezercita d-drittijet taghha ta' genitur skond il-ligi civili tan-Norvegja qabel ma l-missier qabad u zamm b'mod illecitu lil dan il-minuri.

"Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna ir-ritorn tal-minuri gewwa n-Norvegja u sabiex fil-frattemp taghti dawk id-direttivi fl-interess tal-minuri koncernat, inkluz avviz lill-awtoritajiet koncernati, biex huwa jigi salvagwardjat milli jerga' jittiehed b'mod illecitu minn go Malta ghal xi pajjiz iehor, liema tnehhija taghmel ir-ritorn tal-minuri fil-*habitual residence* tieghu ferm aktar difficli u dan bi ksur esplicitu tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Civili tas-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri."

Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha eccepixxa illi:
"Illi l-fatti kif esposti mid-Direttur tad-Dipartiment Ghal Standards fil-Harsien Socjali huma kollha infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt;

"Illi f'ebda mument il-minuri huwa mizmum illecitament gewwa Malta mis-Sur Dorian Turner u din l-allegazzjoni hija kollha fabbrikata u nfondata;

"Illi Awtorita' centrali Norvegiza talbet ir-ritorn immedjat tal-minuri lejn in-Norvegja sabiex ikunu jistghu jiehdu fil-kustodja taghhom dan il-minuri minhabba l-agir illegali u klandestin ta' l-omm u b'hekk l-esponenti jigi pprivat mid-dritt tieghu li jghijjex lill-minuri Malta b'ambjent ta' Familja;

"Illi sfortunatament l-omm il-minuri qeghda tuza u tinqeda mill-Awtorita' Centrali ta' Malta u liema Centru naqset serjament fix-xoghol taghhom meta lanqas indenjaw ruhhom ikellmu jew jindagaw il-veracita' tal-allegazzjoni u mill-anqas wiehed jippretendi illi din l-Awtorita' titkellem

mal-esponenti halli ghalmenu jkunu semghu z-zewg nahat;

“Illi l-omm il-minuri kienet accettat li l-istess minuri jinhareg minn Norvegja ghax il-partijiet gew jghixu flimkien Malta kif ukoll accettat li l-minuri ikollu c-cittadinanza Maltija u dan skond l-anness certifikat ta’ cittadinanza fejn l-omm il-minuri kellha tiehu gurament li qeghda taccetta dan il-fatt.

“Illi assolutament mhuwiex minnu li nbidel il-*habitual residence* tal-minuri stante illi

“1. Il-partijiet kienu gew Malta volontarjament ftit wara li twieled il-minuri u gew Malta bit-tir li jibqghu jghixu Malta u jibdew il-hajja taghhom hawn Malta;

“2. Il-minuri nghata c-cittadinanza Maltija fis-sitta ta’ Novembru 2009 u dan xahar wara li l-partijiet kienu gew Malta u din turi l-intenzjoni li jistabilixxu ruhhom Malta u l-istess Yvonne Margrethe Ackenhausen tat il-kunsens taghha bil-gurament sabiex il-minuri ikollu din ic-cittadinanza ara Dok “A” u bhala rizultat ta’ dan il-minuri ikun tilef ic-cittadinanza Norvegiza “Ara Dok B”.

“3. Illi di piu’ Yvonne Margrethe Ackenhausen tat il-kunsens taghha sabiex il-minuri ikun fil-kura u l-kustodja tal-esponenti Ara Dok “C” u “D” u “E”.

“Illi l-omm gia tat l-ghazla u d-decizjoni taghha fuq il-*habitual residence* tal-minuri meta accettat li tigi Malta u tghix gewwa Malta.

“Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob illi dan ir-rikors ghandu jigi michud.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-1 ta’ Frar 2011, li in forza taghha cahdet it-talba tad-Direttur rikorrent, bl-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrent;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Ikkunsidrat illi permezz ta’ dawn il-proceduri a tenur tal-Att dwar is-Sekwestru u Kustodja ta’ Minuri (Kap 410) l-imsemmi Direttur qed jitlob lil din il-Qorti tordna r-ritorn ta’ Damien Bjorn Ackenhausen Turner lejn in-Norvegja. Il-missier, Dorian Turner oppona ghal din it-talba ghar-ragunijiet imsemmija fir-risposta tieghu.

“Il-genituri tal-minuri Damien ltaqghu permezz ta’ l-internet f’Settembru 2008. L-omm li hija cittadina Norvegiza giet Malta f’Novembru tal-istess sena u baqghet hawn sa’ Jannar tal-2009. Mar-ritorn taghha fin-Norvegja ndunat li kienet tqila u nfurmat b’dan lil Dorian Turner li, x-xahar ta’ wara, telaq lejn in-Norvegja biex ikun maghha. It-tarbija twieldet f’Settembru 2009. Dorian Turner kien bil-hsieb li jibqa’ ma Yvonne fin-Norvegja. Sadanittant, pero’, kien sar jaf li Yvonne Ackenhausen kellha tifel iehor minn zwieg precedenti, liema iben kien inghata ghall-fostering u li ghalih la hi u lanqas il-genituri taghha ma kellhom access, u dan minhabba s-sitwazzjoni psikika taghha. Ghalhekk, meta twieled Damien, li mat-twelid kellu sintomi ta’ “withdrawal” mill-medicinali li tiehu l-omm, u s-Servizzi Socjali Norvegizi bdew jissorveljaw is-sitwazzjoni biex jaraw Yvonne Ackenhausen kinitx idoneja biex trabbih, il-genituri rrealizzaw li kien hemm biza’ kbir li dan it-tifel ukoll jittiehed mis-Servizzi Socjali, partikolarment in vista tal-fatt li t-talba ta’ Dorian Turner biex juzufruwixxi mid-dritt ta’ “family reunification” kienet giet rifjutata mill-awtoritajiet. F’din is-sitwazzjoni, il-genituri ddecidew li jitilqu minn Norvegja u jigu Malta. Fil-fatt, jirrizulta li gew Malta tramite l-Izvezja, fejn talbu passaport ta’ emergenza ghall-minuri. F’dan l-istadju l-minuri kellu biss ftit granet. Fis-6 ta’ Novembru 2009, il-minuri sar cittadin Malti. Il-genituri baqghu jghixu flimkien Malta sakemm ir-relazzjoni ta’ bejniethom sfaxxat. Inqalghu diversi incidenti li wasslu ghal dawn il-proceduri li nbdew fis-16 ta’ Marzu 2010 wara li fit-28 ta’ Jannar 2010 l-intimat odjern kien talab u ottjena l-kura u kustodja provvizorja tal-minuri fi proceduri ohra.

“M’huwiex kontestat li skond il-ligi tan-Norvegja, il-kura u kustodja tal-minuri kienet wahda kongunta.

“Ghalhekk, il-vertenza odjerna essenzjalment tirriduci ruhha l-ewwelnett ghal ezami bir-reqqa ta’ l-intenzjoni li kellhom l-partijiet meta kienu Malta. Hawnhekk il-verzjonijiet tal-genituri ma jaqblux. L-omm tghid li riedu jibqghu Malta sakemm tibqa’ ghaddejja l-investigazzjoni tas-Servizzi Socjali Norvegizi (issa qed jinghad li din kienet ser ittul tlett xhur pero’ ma jidhirx li f’dawk l-ewwel granet kien hemm xi indikazzjoni ta’ dan). Il-missier isostni li l-pjan kien li jibqghu Malta b’mod indefinit.

“Sabiex wiehed jifhem allura x’kienet verament l-intenzjoni tal-koppja, l-Qorti ghalhekk trid tqis ic-cirkostanzi kollha kemm ta’ qabel it-tluq minn Norvegja kif ukoll mal-wasla f’Malta.

“Is-sitwazzjoni ta’ Yvonne Margrethe Ackenhausen f’pajjizha ma kinitx wahda felici. L-addetti tas-Servizzi Socjali Norvegizi ghamlu kuntatt dirett mal-Agenzija Appogg Malta, li pendente lite, din l-istess Qorti kienet ordnatilha tissorvelja s-sitwazzjoni tal-minuri, u nfurmawhom li Yvonne Ackenhausen ilha tbati minn problemi psikici mill-eta’ ta’ hames snin. Kienet giet rikoverata diversi drabi, uhud minnhom wara li ghamlet attentat suwicidju. Ic-Chief of Medicine tal-klinika psikjatrika kien sostna li minhabba “severe mental disorder” tul hajjitha kollha, hu kellu dubbji serji kemm setghet tiehu hsieb l-ewwel wild taghha li spicca biex tnehha kompletament mill-kura taghha u hija lanqas biss inghatat dritt ta’ access lejh. Fil-fatt, dan kollu kien konfermat lill-Agenzija Appogg mis-Servizzi Socjali Norvegizi, li nsistew li issa, f’Malta, ikun f’periklu ghall-minuri Damien li jkun ma ommu. Il-biza’ kbir mis-Servizzi Socjali hija kkonfermata wkoll min-nanna materna tal-minuri li wkoll xehdet viva voce quddiem din il-Qorti.

“Konxji ta’ din is-sitwazzjoni, il-genituri riedu jitilqu minn Norvegja malajr kemm jista’ jkun wara t-twelid. L-idea kienet nibtet gimghat qabel it-twelid ta’ Damien u wara l-ewwel laqgha mal-psikjatri wara t-twelid, il-genituri ddecidew li jaharbu.

“Jirrizulta mill-affidavit taz-zewg genituri illi l-ewwel ma marru kien Copenhagen bil-vapur, imbaghad, wara li nhareg passaport ghall-minuri gew Malta. Kienet omm Yvonne Ackenhausen li hallset il-flus ghall-vjagg u kien missierha li wassalhom sal-vapur. Meta waslu Malta krew penthouse ghal sena u xtraw hafna attrezzaturi ghaliha, fosthom *television*, *microwave oven*, *heaters*, purtieri u *Christmas tree*. Dorian Bjorn beda jahdem wara gimgha li waslu Malta. Il-partijiet kienu ssetiljaw Malta tant li, f’Novembru, u cioe’ meta l-minuri kellu biss ftit gimghat, l-omm marret wahedha n-Norvegja, kif ghamlet diversi drabi anke waqt il-mori ta’ dawn il-proceduri.

“Kienet l-istess omm Yvonne Ackenhausen li kkonfermat viva voce quddiem din il-Qorti li kienet baghtet diversi somom ta’ flus lil bintha biex tghinha tistabbilixxi darha f’Malta. Il-Qorti taghti hafna piz lil dak espress minn omm il-minuri f’*e-mails* mibghuta minnha (annessi mal-affidavit ta’ Dorian Turner) fejn, tidher cara x-xewqa li l-koppja tistabbilixxi ruhha sew f’Malta.
“Il-Qorti tirreferi wkoll ghall-intenzjoni ta’ l-omm li tarreda dar sewwa:

*“‘Just in case we get visits from Norway’ (b’referenza ghas-Servizz Socjali Norvegizi).*

“Ix-xhieda kollha jirreferu ghall-festi tal-Milied f’Malta fejn qraba gew izuruha minn Norvegja u l-familji ltaqghu u marru tajjeb flimkien.

“Mill-fatti kollha kif imressqa, din il-Qorti tasal biex tifhem illi ngabet prova sufficjenti biex tissodisfa l-vot tal-ligi fl-Art. 13 li jipprovdi illi:

““Minkejja d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu ta’ qabel, l-awtorita’ gudizzjarja jew amministrattiva tal-Istat rikjest m’hiex marbuta li tordna r-ritorn tal-minuri jekk il-persuna, istituzzjoni jew enti ohra li topponi r-ritorn iggib prova li –

“(a) il-persuna, istituzzjoni jew enti ohra li jkunu vestiti bil-kura tal-persuna tal-minuri ma kinux attwalment qeghdin jezercitaw id-drittijiet tal-kustodja fiz-

zmien meta jkun tnehha jew inzamm il-minuri jew li taw il-kunsens taghhom jew sussegwentement baqghu siekta ghar-rimozzjoni jew ritenzjoni tal-minuri.”

“Madanakollu l-istess fatti kif esposti u c-cirkostanzi li minnhom tnehha l-minuri biex ingab Malta jwasslu lil din il-Qorti wkoll biex tqis illi, a tenur tal-Art. 13(b):

““jkun hemm riskju kbir li r-ritorn tal-minuri se jesponih ghal dannu fiziku jew psikologiku jew inkella jqieghed lill-minuri f’sitwazzjoni intollerabbli.”

“Il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza **Neulinger and Shuruk vs Switzerland *(Grand Chamber, 6th July 2010, application no. 41615/07)*** ikkunsidrat illi l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Ajja ma tistax tkun awtomatika jew mekkanika. L-interess suprem tal-minuri ghandu dejjem jigi meqjus ghaliex jezistu kazijiet fejn l-interess tal-istess minuri jissupera l-interess tal-istess genituri.

“Irriteniet ukoll li d-diversi obbligi tal-istat naxxenti minn diversi konvenzjonijiet ghandhom jitqiesu flimkien.

*““It follows from Article 8 that a child’s return cannot be ordered automatically or mechanically when the Hague Convention is applicable. The child’s best interests, from a personal development perspective, will depend on a variety of individual circumstances, in particular his age and level of maturity, the presence or absence of his parents and his environment and experiences (see the UNHCR Guidelines, paragraph 52 above). For that reason, those best interests must be assessed in each individual case. That task is primarily one for the domestic authorities, which often have the benefit of direct contact with the persons concerned. To that end they enjoy a certain margin of appreciation, which remains subject, however, to a European supervision whereby the Court reviews under the Convention the decisions that those authorites have taken in the exercise of that power.”* ***(Neulinger and Shuruk vs Switzerland, Grand Chamber, 6th July 2010, application no. 41615/07)***

“Fil-paragrafu 136 ta’ din id-decizjoni, il-Qorti Ewropea sahqet li:

““Family ties may only be severed in very exceptional circumstances and that everything must be done to preserve personal relations and, if and when appropriate, to “rebuild” the family.”

“Din il-Qorti tqis din il-konsiderazzjoni ferm attwali b’relazzjoni mal-kaz odjern fejn, hemm probabbilita’ kbira li l-omm ma tithalliex tiehu kura tal-minuri, u l-missier diga’ gie rifjutat milli jibqa’ fil-pajjiz biex jghaqqad familja. Fil-kaz fuq citat il-Grand Chamber qal hekk:

*““The seriousness of any difficulties which may be encountered in the destination country by the family members who would be accompanying the deportee must also be taken into account.”*

“Fil-kaz citat, il-Qorti tat piz ukoll lic-cirkostanzi tal-genitur li qed jitlob ir-ritorn tal-minuri.

*“Concurring opinion of Judge Malinverni tirreferi ghal-Ligi Federali Svizzera li tinterpreta l-eccezzjoni provaluta bl-Art. 13(b) tal-Hague Convention:*

*““A child is placed in an intolerable situation, within the meaning of Article 13, sub-paragraph (b), of the Hague Convention, where the following conditions are met:*

*“*(a) *First, where the child’s placement with the parent who lodged the application is manifestly not in the child’s interest. That condition appears to me to have been fulfilled in the present case in view of the personality of Noam’s father, as it emerges from several passages in the judgement. Moreover, the father’s capacity to take care of the child may be called into question, in view of his past conduct and limited financial resources. He has never lived alone with the child and has not seen him since his son left Israel.*

*"*(b) *Second, where the abducting parent, in the circumstances, is not in a position to take care of the child in the State where the child had his or her habitual residence at the time of the abduction, or manifestly cannot be so required."*

"Dawn huma precizament il-kundizzjonijiet pjenament sodisfatti fil-kaz odjern.

*""The gravity of the risk has to be understood in harmony with and in the light of the Convention. The public order interest that consists in denying any advantage to someone's unlawful conduct cannot preclude other rights-based considerations, in particular that of the best interest of the child. The Hague Convention itself enables such a balanced approach in its Article 13."* ***(Joint Separate Opinion of Judges Jočienė, Sajó and Tsotsoria).***

*"The majority's approach indicates that in the application of the Hague Convention, Article 8 of the Convention requires a future-oriented approach, which can serve the best interests of the child."* ***(Joint Separate Opinion of Judges Jočienė, Sajó and Tsotsoria).***

"Il-Qorti, li kellha okkazjoni tisma' lill-omm viva voce, setghet tinnota li l-omm hija fizikament provata, tant li lanqas biss setghet tqum bil-wieqfa biex tixhed. Jirrizulta wkoll li, tul il-proceduri, ghalkemm il-Qorti akkordat lilha access ampju, din qatt ma resqet lejn binha. Ir-raguni li ngabet kienet li tibza' mill-missier, anki meta l-Qorti pprovdiet ghal supervizjoni.

"Ex admissis, Yvonne Ackenhausen qalet li hi kienet harbet min-Norvegja bl-ewwel tifel taghha u kienet ingabet lura permezz tal-pulizija. Qalet ukoll *"I have been told by doctors that my body is breaking down".*

"Il-Qorti tenfasizza illi dawn il-konsiderazzjonijiet ma sarux bil-ghan li jigi stabbilit min hu l-genitur idoneju imma limitatament fir-rigward tad-decizjoni tar-ritorn li hija l-unika vertenza li ghandha quddiemha l-Qorti. Madanakollu fil-kuntest partikolarissimu tal-kaz, id-

decizjoni ma setghetx tittiehed, fil-fehma ta' din il-Qorti, minghajr ma tqis, kif sostniet il-Qorti Ewropea, dak li qed jistenna l-minuri jekk jigi ritornat fin-Norvegja, fejn il-missier ma jistax jghix u hemm probabbilita' kbira li l-omm ma tithalliex tiehu hsiebu.

"Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis li z-zewg eccezzjonijiet kontemplati fl-Art. 13 tal-Konvenzjoni tal-Ajja gew pjenament pruvati."

Rat ir-rikors tal-appell tad-Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"…thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-1 ta' Frar 2011 fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellat."

Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab sabiex din il-Qorti joghgobha:

"…tichad dan ir-rikors tal-Appell interpost mid-Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali u tikkonferma s-sentenza tal-1 ta' Frar 2011 fl-intier taghha moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) 53/10AF fl-istess ismijiet premessi u konsegwentement tichad it-talbiet tal-Appell tal-intimati u tilqa' r-risposta tal-intimat bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra d-direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;
Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza d-Direttur rikorrent qed jitlob li l-minuri Damien Bjorn Ackenhausen – Turner, li twieled fin-Norvegja fil-15 ta' Settembru 2009, jintbaghat lura n-Norvegja peress li qed jinzamm hawn Malta mill-missier kontra r-rieda tal-omm.  Il-fatti tal-kaz huma ben esposti fil-parti preliminari tas-sentenza tal-ewwel Qorti.  Fil-qosor,

jirrizulta li l-omm tal-minuri, Yvonne Margrethe Ackenhausen – Melsater, qabel ma ltaghqet mal-intimat, kellha tarbija minn ragel iehor, izda l-awtoritajiet Norvegizi poggew it-tarbija taht *foster care*, peress li l-istess omm kellha problemi mentali u hasbu li ma kienitx kapaci tiehu hsieb it-tarbija. Meta l-istess omm regghet harget tqila minn mal-intimat, huma bezghu li jista' jigri l-istess ghat-tarbija l-gdida u jispiccaw ma jarawhiex aktar.

Iddecidew, allura, li jaharbu lejn Malta. Skont l-omm, kellhom jibqghu Malta ghal tliet xhur biss, biex jevitaw indhil immedjat mis-servizzi socjali Norvegizi, filwaqt li skont l-intimat, il-hsieb kien li jibqghu Malta b'mod indefinit.

L-ewwel Qorti sabet favur l-intimat il-missier ghax qieset li l-hsieb tal-partijiet kien li jghixu hawn Malta u, f'kull kaz, fit-termini tal-Artikolu 13(b) tal-Hague Convention, applikabbli ghal Malta bl-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri (Kap. 410 tal-Ligijiet ta' Malta), ma jkunx fl-interess tal-minuri li l-istess jintbaghat lura fin-Norvegja.

Id-Direttur rikorrent appella mis-sentenza bl-aggravji jkunu li mhux minnu li l-partijiet riedu jissetiljaw hawn Malta, u lanqas ma hu minnu li l-minuri jsofri "dannu fiziku jew psikologiku" jekk jintbaghat lura fin-Norvegja.

Trattat l-ewwel aggravju, din il-Qorti trid tara', fl-ewwel lok, jekk ir-residenza abitwali tal-minuri hijiex f'Malta jew le, u cioe`, jekk il-familja gietx Malta biss ghal tliet xhur, kif tallega l-omm, jew biex jghixu hawn indefinittivament, kif jallega l-missier.

Trattat il-kuncett ta' residenza abitwali, din il-Qorti tara li, skont id-duttrina Ingliza, li maghha din il-Qorti taqbel, mhux mehtieg li dak li jkun jmur f'post bi hsieb li jibqa' fih b'mod indefinit; sakemm dak li jkun imur f'post *"for a settled purpose"*, li mhux vaganza jew ghal fini ta' access, jista' jitqies li rawwem ir-residenza abitwali f'dak il-post. Fil-kaz <u>Re B (Minors) (Abduction)(No. 2)</u> 1993, Waite J. osserva:

*"Habitual residence is a term referring, when it is applied in the context of married parents living together, to their abode in a particular place or country which they have adopted voluntarily and for settled purposes as part of the regular order of their life for the time being, whether of short or of long duration."*

Fil-fatt, fl-Ingilterra, gie accettat li residenza temporanja ghal skopijiet ta' edukazzjoni, business, xoghol (inkluz *posting* militari), jew biex jinghaqad mal familja, tista' twassal ghal bidla fir-residenza abitwali ta' dak li jkun. Kaz iehor interessanti huwa Re V (Abduction: Habitual Residence), deciz ukoll fl-Ingilterra fl-1995, fejn fil-kuntest ta' familja li tghix Londra fix-xitwa u Corfu fis-sajf, gie osservat li din il-familja tkun, fix-xitwa residenti Londra u fis-sajf f'Corfu, avvolja f'dan l-ahhar post ir-residenza kienet wahda ta' vileggjatura. L-intenzjoni ta' residenza hija marbuta mal-iskop u mhux mehtieg zmien twil biex din tigi stabbilita.

F'dan il-kaz, hi l-fehma tal-Qorti, li meta gew Malta l-partijiet kellhom il-hsieb li jistabilixxu ruhhom hawn b'mod indefinit. Huma riedu "jaharbu" mill-iskruttinju tas-servizzi socjali tan-Norvegja, u ghalkemm l-omm tghid li dan kellu jkun ghal perjodu ta' tliet xhur, ma jirrizultax li l-awtoritajiet Novergizi jillimitaw l-iskruttinju taghhom ghall-ewwel tliet xhur mit-twelid tat-tarbija, u din il-Qorti tara' li l-intenzjoni taghhom probabbli kienet li jibqghu hawn Malta ghal zmien indefinit, sakemm, forsi, tkun *"safe"* ghalihom li jirritornaw in-Norvegja. Fil-fatt, meta gew Malta krew *penthouse* ghal sena, u wara li l-omm rebhet somma flus bil-loghob fuq l-internet, bdew jarmaw l-istess appartament b'kollox mehtieg ghal soggorn fit-tul. Il-missier beda jadhem gimgha wara li gew Malta, u ma kellhomx flus bizejjed biex jarredaw id-dar. Hi, allura, uzat il-flus li rebhet u xtrat *television* plasma, diversi dekorazzjonijiet ghal Milied, *gas heater*, *microwave* u affarijiet ohra. Kieku l-hsieb kien li jibqghu Malta tliet xhur biss, il-missier la kien ifittex xoghol u lanqas jikru *penthouse* u jixtru diversi oggetti ghal appartament; kienu semplicement jikru *furnished flat* jew joqoghdu mal-familja

tal-missier, kif gie offrut lilhom. Barra minn dan, f'*e-mail* li l-omm baghtet lill-omm il-missier fl-1 ta' Dicembru 2009, irrimarkat kemm kienet impenjata li tiddisponi mill-ghamara li halliet warajha. Hi qalet:

*"…I been so busy trying to think out how to sort all this things out in our old home..furniture, and every small stuff..to pack it..sell it..what to throw away, and so on..my energy is at low, but am trying so much that our family can go on, and have a future without all mess on Malta."*

Aktar tard, fl-istess e-mail, qalet li kellha bzonn tiehu xi haga ghal ugih ta' ras li kellha *"to sort things out..packing things down and sending it..and put on notes on what to throw and what to sell..and what to store…".* Dan mhux diskors ta' omm li giet hawn Malta ghal tliet xhur biss!

Barra minn dan, ftit wara li l-koppja waslet Malta, applikaw biex il-minuri jinghata c-cittadinanza Maltija, u l-omm tat il-kunsens taghha ghal dan; fil-fatt, il-minuri sar cittadin Malti b'effett mis-6 ta' Novembru 2009. Omm Yvonne Ackenhausen jidher ukoll li baghtet diversi somom ta' flus lill-bintha hawn Malta, biex tghinha timla d-dar taghha hawn Malta, u ma jidhirx li kellha problemi bis-soggorn taghha mal-missier hawn Malta – sakemm bintha bdiet tallega li l-intimat kien isawwatha (allegazzjoni li ma gietx ippruvata f'dawn il-proceduri), meta, allura, hadet posizzjoni favur bintha meta qaltilha li riedet tirritorna lejn in-Norvegja.

Din il-Qorti, ghalhekk, taqbel mal-ewwel Qorti li l-familja meta giet Malta f'Settembru tal-2009, stabbiliet ir-residenza taghha hawn, u fic-cirkostanzi, ir-residenza abitwali taghha saret f'Malta *"as part of the regular order of their life".* La darba r-residenza abitwali tal-familja, inkluz il-minuri, hija Malta, l-istess minuri m'ghandux jintbaghat lura n-Norvegja, u l-*proper* forum biex tigi diskussa l-kura u l-kustodja tieghu hija Malta.

L-ewwel Qorti sabet raguni ohra biex ma tibghatx it-tifel lejn in-Norvegja, raguni li hi bbazat fuq l-Artikolu 13(b) tal-Konvenzjoni. Peress li din il-Qorti tara' li r-residenza

abitwali tal-minuri hi Malta, u mhux se jintbaghat lejn in-Norvegja, ma hemmx il-htiega li tezamina wkoll jekk dan l-artikolu japplikax ghal kaz jew le.

Din il-Qorti, pero`, trid tosserva li hi ma taqbilx illi l-minuri kien isofri dannu fiziku jew psikologiku kieku kellu jintbaghat lura n-Norvegja. Jista' jkun li l-omm ma hijiex kapaci tiehu hsieb lill-uliedha, pero`, il-qrati Norvegizi huma zgur kompetenti jikkunsidraw dan. Dan qed jinghad ghax kieku din il-Qorti baghtet il-minuri n-Norvegja, ma tkunx, b'daqshekk, afdat il-minuri lill-omm, u d-drittijiet ta' *patria potestas* tal-missier u l-omm kienu jibqghu impregudikati. Id-decizjoni ta' din il-Qorti li tibghat it-tifel lejn n-Norvegja, kieku inghatat, kienet tfisser li tkun ir-responsabbilta` tal-qrati ta' dak il-pajjiz jiddeciedu x'inhu l-ahjar ghall-minuri: jekk jibqghax taht il-kura tal-omm, jitqieghedx taht *foster care* jew jinghatax lill-missier bid-dritt li jrabbieh Malta.

Il-qrati Norvegizi huma zgur attrezzati jikkunsidraw il-fatturi kollha rilevanti qabel ma jiddeciedu fuq l-ahjar interess tal-minuri. Dan l-ezercizzju issa jrid isir mill-qrati Maltin u dan ghas-semplici raguni li, fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-residenza abitwali tal-minuri hi Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, u mhux necessarjament ghal dawk kollha indikati mill-ewwel Qorti, tiddisponi mill-appell interpost mid-Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

Il-Qorti tordna lid-Direttur appellant jinforma lill-awtoritajiet Norvegizi b'din is-sentenza kif titlob il-ligi.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mid-Direttur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------